

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell
COM(2010) 715/4

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tad-Danubju

[SEC(2010) 1489]
[SEC(2010) 1489]
[SEC(2010) 1489]

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Opportunitajiet u Sfidi.....	4
2.1.	Sfidi	4
2.2.	Opportunitajiet	5
3.	Rispons: Pjan ta' Azzjoni.....	6
3.1.	Il-konnessjonijiet tar-reġjun tad-Danubju	7
3.2.	Il-protezzjoni tal-ambjent fir-Reġjun tad-Danubju	9
3.3.	Il-bini tal-prosperità fir-Reġjun tad-Danubju.....	10
3.4.	Tishiĥ tar-Reġjun tad-Danubju	12
4.	Implimentazzjoni u governanza	12
5.	Rabtiet ma' politiki tal-UE	14
6.	Konklużjoni.....	15

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT SOĊJALI U EKONOMIKU EWROPEW U LILL- KUMITAT TAR-REĠJUNI

L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tad-Danubju

1. INTRODUZZJONI

Ir-reġjun tad-Danubju nbidel b'mod drammatiku. Aktar reċentement, kien hemm il-mewġiet tat-tkabbir tal-UE tal-2004 u tal-2007. Il-baċir tax-xmara l-aktar internazzjonali fid-dinja huwa issa prinċipalment spazju tal-Unjoni Ewropea (UE). Hemm opportunitajiet ġodda biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-potenzjal tiegħu, speċjalment biex jiġu rinfurzati l-effetti tiegħu biex tingħeleb il-kriżi ekonomika b'mod sostenibbli. L-iżvilupp soċjo-ekonomiku, il-kompetittività, l-amministrazzjoni ambjentali u t-tkabbir effiċjenti fl-użu tar-riżorsi jistgħu jittejjbu, u s-sigurtà u l-kurituri tat-trasport jistgħu jiġu modernizzati. Id-Danubju jista' jiftaħ l-UE lill-ġirien viċin tiegħu, ir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, il-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-Asja Ċentrali. Strateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju tista' tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-UE, waqt li tiffinforza inizjattivi maġġuri tal-politika tal-UE, speċjalment l-istrateġija Ewropa 2020.

Ir-Reġjun tad-Danubju huwa żona funzjonali definita mill-baċir tax-xmara tagħha. Korpi ta' kooperazzjoni bħalma huma il-Kummissjoni tad-Danubju u l-Kummissjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tax-Xmara Danubju jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi. L-Istrateġija twessa' dan l-approċċ biex tindirizza l-prijoritajiet b'mod integrat. Ġeografikament din tikkonċerna primarjament imma mhux esklussivament: il-Ġermanja (Baden-Württemberg u l-Bavarja), l-Awstrija, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovenja, ir-Rumanija u l-Bulgarija għewwa l-UE, il-Kroazja, is-Serbja, il-Bożnija u Herżegovina, il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina (ir-reġjuni tul id-Danubju) barra. L-Istrateġija tibqa' miftuħa għal imsieħba oħrajn fir-Reġjun. Peress li d-Danubju jiskorri fil-Baħar l-Iswed, għandu jkun koerenti mal-perspettivi tal-Baħar l-Iswed. B'aktar minn 100 miljun persuna, u għoxrin fil-mija tas-superfiċje tal-UE, iż-żona hija vitali għall-Ewropa.

Fir-Reġjun, hemm il-bżonn li jingħaqdu n-nies, l-ideat u l-bżonnijiet tagħhom. L-interkonnezzjonijiet tat-trasport għandhom jiġu modernizzati, u l-aċċess għall-informatika mtejjeb. L-enerġija tista' tkun irħas u aktar sigura, bis-saħħa ta' rabtiet aħjar u sorsi alternattivi. L-iżvilupp jista' jiġi bbilanċjat mal-protezzjoni tal-ambjent, f'approċċ ta' żvilupp sostenibbli, konformi mal-*acquis communautaire* tal-ambjent kif applikabbli. Ħidma flimkien hi meħtieġa biex jitnaqqsu r-riskji u d-diżastri bħalma huma l-għargħar, il-perjodi ta' nixfa u l-inċidenti industrijali. Permezz tal-bini fuq ir-riċerka kunsiderabbli u perspettivi ta' innovazzjoni, ir-Reġjun jista' jkun minn ta' quddiem fil-kummerċ u l-intrapriża tal-UE. Id-diskrepanzi fl-educazzjoni u fl-impjieg jistgħu jingħelbu. Tista' tinbidel f'żona bla periklu u sigura, fejn il-kunflitti, il-marġinalizzazzjoni u l-kriminalità jiġu indirizzati b'mod propju.

Sal-2020, iċ-ċittadini kollha tar-Reġjun għandhom igawdu minn prospetti aħjar għall-educazzjoni għolja, l-impjieg u l-prosperità fiż-żona tad-dar tagħhom stess. L-Istrateġija għandha tagħmel lil dan ir-reġjun wieħed verament tas-seklu 21, sigur u kunfidenti, u wieħed mill-aktar attraenti fl-Ewropa.

Biex wieħed jikseb dan, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni biex tipprepara din l-Istrateġija¹. Din issegwi l-merħba għall-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, li qegħda tiġi implimentata bħalissa. It-talba tad-Danubju, ibbażata fuq l-esperjenza tal-Baltiku, tenfasizza approċċ integrat għall-iżvilupp sostenibbli. Is-sinerġiji u l-kompromessi għandhom jiġu identifikati, eż. żvilupp ta' teknoloġija ekoloġika avvanzata, ħidma lejn allinjament aħjar ta' politiki u fondi biex jittejjeb l-impatt fuq l-art, u tingħeleb il-frammentazzjoni. Il-Kummissjoni, li topera tul bosta oqsma politiċi, tista' tiffaċilita approċċ bħal dan, kif inhu deskritt: (1) f'din il-Komunikazzjoni lill-Istituzzjonijiet tal-UE oħrajn, u (2) fil-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanja.

Il-Kummissjoni temmen bis-sħiħ li l-iffissar ta' miri huwa essenzjali, biex wieħed jiffoka u jagħti prijorità lill-isforzi. Dawn għandhom ikunu żviluppanti aktar mal-partijiet involuti, immedjatement wara l-adozzjoni ta' din il-Komunikazzjoni u iffinalizzati qabel il-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2011. Il-miri se japplikaw għall-Istati Membri; Stati mhux Membri se jkunu mħeġġa biex jirsistu ħalli jilhqumom fid-dawl ta' ċirkostanzi speċifiċi tagħhom. Il-miri se jkunu monitorati mill-viċin fil-kuntest tar-rappurtar tal-Kummissjoni.

2. OPPORTUNITAJIET U SFIDI

Il-proposti jsegwu l-konsultazzjoni estensiva tal-partijiet involuti. Il-gvernijiet, inklużi dawk mill-Istati mhux Membri, involvu ruħhom permezz ta' "Punti ta' Kuntatt Nazzjonali". L-għarfien espert tas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u l-Bank Ewropew għall-Investment, u korpi reġjonali oħrajn (eż. Il-Kunsill għall-Kooperazzjoni Reġjonali) ġie mmobilizzat. Il-partijiet involuti ġew ikkonsultati onlajn, u permezz ta' ħames konferenzi maġġuri. Il-messaġġi ewlenin kienu: (1) din hija inizjattiva ta' merħba biex tiġi rinforzata l-integrazzjoni tar-Reġjun fl-UE; (2) L-Istati Membri u l-Pajjiżi Terzi (inklużi pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali) jikkommettu rwieħhom fl-ogħla livell politiku; (3) il-Kummissjoni hija importanti ħafna fil-faċilitar tal-proċess; (4) riżorsi eżistenti jistgħu jkunu użati ħafna aħjar għall-għanijiet tal-Istrateġija u (5) l-Istrateġija trid twassal titjib viżibbli u konkret għar-Reġjun u għan-nies tiegħu.

2.1. Sfidi

Storikament, ir-Reġjun tad-Danubju ġie affetwat b'mod partikolari minn avvenimenti turbulenti, b'ħafna kunflitti, movimenti ta' popolazzjoni u reġimi mhux demokratiċi. Madankollu, il-waqgħa tal-Purtiera tal-Hadid u t-ktabbir tal-UE jipprovdu opportunità għal futur aħjar. Dan ifisser li wieħed jindirizza sfidi maġġuri, b'mod partikolari:

- **Il-mobilità:** ix-Xmara Danubju stess hija Kuritur TEN-T maġġuri. Madankollu, hija użata ħafna anqas mill-kapaċità kompleta tagħha. Il-merkanzija trasportata fuq id-Danubju hija biss 10 %-20 % ta' dik fuq ir-Rhine. Peress li t-trasport tal-passaġġi tal-ilma interni għandu benefiċċji ambjentali u benefiċċji ta' effiċjenza importanti, il-potenzjal tiegħu għandu jkun sfruttat b'mod sostenibbli. Hemm bżonn partikolari għal multi-modalità akbar, interkonnezzjoni aħjar ma' baċiri ta' xmajjar oħrajn billi tiġi modernizzata u estiża aktar l-infrastruttura f'punti ta' trasport bħalma huma l-portijiet interni.

¹ Il-Kunsill Ewropew talab b'mod formali lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkoordina Strateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju, u jiddikjara fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2009: "Dan (...) jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju qabel tmiem l-2010".

- **L-Enerġija:** Il-prezzijiet huma għoljin fir-reġjun, f'termini rilevanti. Swieq frammentati jwasslu għal spejjeż ogħla u anqas kompetizzjoni. Dipendenza fuq ammont żgħir ħafna ta' fornituri esterni żżid il-vulnerabilità, kif il-kriżijiet perjodiċi tax-xitwa juru. Diversità ħafna akbar fil-forniment permezz ta' interkonnezzjonijiet u swieq reġjonali ġenwini se żżid is-sigurtà fl-enerġija. L-enerġija mtejba, inklużi sorsi li jiffrankaw l-enerġija u sorsi aktar renovabbli, hija kruċjali.
- **L-Ambjent:** Ir-Reġjun tad-Danubju huwa baċir idroloġiku u internazzjonali maġġuri u kuritur ekoloġiku. Dan jirrikjedi approċċ reġjonali għall-konservazzjoni tan-natura, il-ġestjoni tat-territorju u l-amministrazzjoni tal-ilma. It-tniġġiż ma jirrispettax fruntieri nazzjonali. Problemi maġġuri bħalma huma d-drenaġġ mhux ittrattat u l-fertilizzant u l-fluss tal-ilma minn fuq il-ħamrija jagħmlu lid-Danubju ferm imniġġeż. L-impatt fuq l-ambjent tal-konnessjonijiet tat-trasport, żviluppi turistiċi, jew faċilitajiet ġodda li jipproduċu l-enerġija jridu wkoll jiġu kkunsidrati.
- **Riskji:** Avvenimenti ta' għargħar maġġuri, perjodi ta' nixfa u tniġġiż industrijali huma lkoll wisq frekwenti. Il-prevenzjoni, il-preparazzjoni u r-reazzjoni effettiva jirrikjedu grad għoli ta' kooperazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni.
- **Soċjo-ekonomiku:** Ir-Reġjun għandu diskrepanzi ferm wiesgħa. Għandu xi ftit mill-aktar reġjuni ta' suċċess fl-UE iżda wkoll reġjuni mill-aktar foqra. B'mod partikolari, il-kuntatti u l-kooperazzjoni jinsabu nieqsa, kemm min-naħa finanzjarja kif ukoll minn dik istituzzjonarja. L-intrapriżi ma' jisfruttawx biżżejjed id-dimensjoni internazzjonali tal-marketing, l-innovazzjoni jew r-riċerka. Il-proporzjon ta' nies b'edukazzjoni għolja fir-Reġjun tad-Danubju huwa anqas mill-medja tal-UE27, għal darb'oħra b'linja diviżorja ppronunċjata. L-aqwa ta' spiss jitolqu.
- **Sigurtà, il-kriminalità serja u organizzata:** il-problemi sinjifikanti jippersistu. It-traffikar tal-persuni umani u l-kutrabandu ta' merkanzija huma problema partikolari f'bosta pajjiżi. Il-korruzzjoni tnawwar il-fiduċja pubblika u xxekkel l-iżvilupp.

Dawn l-isfidi jkunu l-aħjar indirizzati f'daqqa, waqt li jiġu identifikati l-prijoritajiet, isir qbil fuq l-azzjonijiet u jiġu implimentati. Per eżempju, l-iżviluppaturi u l-konservazzjonisti jridu jsibu soluzzjonijiet innovattivi, u jsolvu flimkien il-kwistjonijiet l-aktar diffiċli għall-benefiċċju tar-reġjun kollu.

2.2. Opportunitajiet

Ir-Reġjun tad-Danubju għandu wkoll ħafna opportunitajiet. Għandu ħafna żoni ta' sbuħija naturali eċċellenti. Għandu storja, wirt u kultura għonja. Hemm potenzjal ta' żvilupp enormi, speċjalment fil-pajjiżi l-aktar affettwati mit-tranżizzjonijiet mill-1989. Hemm ideat kreattivi, u forza tax-xogħol ta' kwalità. Per eżempju, ir-Reġjun:

- Huwa fejn l-Ewropa tiftaħ lejn il-lvant. **Il-kollegamenti tat-trasport u tal-kummerċ** eżistenti jridu jiġu żviluppati (eż. permezz tan-netwerk tat-trasport TRACECA li jgħaqqad l-UE mar-reġjun tal-Baħar l-Iswed għall-Kawkażu u l-Asja Ċentrali);
- għandu **sistemà tal-edukazzjoni solida**, b'ħafna universitajiet. Madankollu, il-kwalità hija varjabbli. L-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu rilevanti għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol, filwaqt li l-mobilità tal-istudenti ġewwa r-Reġjun għandha tiġi promossa.

- Għandu fil-possessjoni tiegħu **diversità kulturali, etnika u naturali impressjonanti**. Hemm bliet globali u siti ta'wirt storiku, u jinkludi l-aktar numru ta' kapitali aktar minn kwalunkwe xmara fid-dinja. Dan jirrikjedi offerta ta' turiżmu u infrastruttura moderna, sabiex kemm il-mistieden kif ukoll l-ospitant jkunu jistgħu jipprofittaw minnu;
- jista' jisfrutta b'mod aħjar is-**sorsi ta' enerġija renovabbli**, kemm jekk l-ilma, ir-riħ tal-bijomassa jew termali. Hemm ukoll skop kbir għall-**effiċjenza tal-enerġija**, permezz ta' amministrazzjoni aħjar tad-domanda għall-enerġija, u l-modernizzazzjoni tal-bini u l-loġistika. Dawn l-azzjonijiet għandhom ihegħgu t-tranżizzjoni għal ekonomija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju;
- Huwa karatterizzat minn **assi ambjentali rikki**: Fawna u flora eċċezzjonali, riżorsi tal-ilma prezzjużi u pajsaġġi eċċellenti (eż. id-Delta Danubju, il-Karpazji). Dawn għandhom ikunu preservati u restawrati b'mod sostenibbli.

Li wieħed jieħu vantaġġ sew minn dawn l-opportunitajiet jirrikjedi wkoll aktar kooperazzjoni, ippjanar u investiment flimkien, u l-iżvilupp ta' konnessjonijiet kruċjali.

3. RISPONS: PĴAN TA' AZZJONI

Rispons integrat jinsab għalhekk fil-qalba tal-Istrateġija proposta. Dan jenfasizza: Konnessjonijiet aħjar u aktar intelliġenti għall-mobilità, il-kummerċ u l-enerġija; azzjoni fuq l-ambjent u l-amministrazzjoni ta' riskju; kooperazzjoni dwar is-sigurtà. Hemm benefiċċji mix-xogħol komuni dwar l-innovazzjoni, it-turiżmu, is-soċjetà tal-informazzjoni, il-kapaċità istituzzjonali u komunitajiet marġinalizzati.

L-Istrateġija tipproponi Pjan ta' Azzjoni, li għalih impenn qawwi mill-pajjiżi u mill-partijiet involuti huwa meħtieġ. Il-Kummissjoni se tirrevedi l-progress b'mod regolari. B'riżultat ta' dan, l-azzjonijiet u l-proġetti se jiġu aġġornati jew mibdula kif jitlestew, u b'hekk tagħmlu Pjan "rikorrenti". Hemm enfasi fuq approċċ integrat u ibbażat fuq il-post. Konnessjonijiet tajba bejn iż-żoni urbani u dawk rurali, aċċess xieraq għall-infrastruttura u s-servizzi, u kondizzjonijiet tal-għixien kumparabbli se jippromwovu l-koeżjoni territorjali, li attwalment huwa għan espliċitu tal-UE.

Il-konsultazzjoni identifikat ħafna proposti għall-azzjoni. Il-Kummissjoni, bi sħubija mal-Istati Membri, ir-regġuni u partijiet involuti oħrajn għażlet lil dawk li:

- Juru benefiċċji immedjati u viżibbli għan-nies tar-Regġun;
- Għandhom impatt fuq ir-regġun-makro (jew parti sinifikanti minnu). Il-proġetti għandhom għalhekk jipromwovu żvilupp sostenibbli u jkopru bosta regġuni u pajjiżi;
- Huma koerenti u jagħtu sostenn reċiproku, u joħolqu soluzzjonijiet li jgawdi minnhom kulħadd;
- Huma realistiċi (teknikament prattiċi u b'fondi kredibbli).

Il-proġetti preżentati huma eżempji li se jkollhom il-promozzjoni. Huma jservu biex jispjegaw, mhux biex jagħtu prijorità. Ħafna oħrajn ġew proposti – il-Pjan ta' Azzjoni huwa qafas indikattiv, li jevolvi mal-progress tax-xogħol.

Erbgħa Pilari jindirizzaw il-kwistjonijiet ewlenin. Kull wieħed jinkludi Żoni ta' Prijorità, oqsma ta' azzjoni distinti. Dawn huma:

(1) *Il-konnessjoni tar-reġjun tad-Danubju*

- Biex tittejjeb il-mobilità u l-multimodalità
 - (a) Passaġġi fuq l-Ilma Interni
 - (b) Kollegamenti tat-toroq, tal-ferroviji u tal-ajru
- Biex tiġi mħeġġa aktar enerġija sostenibbli
- Biex issir promozzjoni tal-kultura u t-turiżmu, tal-kuntatti bejn il-persuni

(2) *Il-protezzjoni tal-ambjent fir-reġjun tad-Danubju*

- Biex tiġi restawrata u tinżamm il-kwalità tal-ilmijiet
- Għall-amministrazzjoni tar-riskji ambjentali
- Biex jiġu preservati l-biodiversità, il-pajsaġġi u l-kwalità tal-arja u tal-ħamrija

(3) *Il-bini tal-prosperità fir-reġjun tad-Danubju*

- Biex tiġi żviluppata s-soċjetà tal-informazzjoni permezz tar-riċerka, l-edukazzjoni u t-teknoloġiji tal-informatika
- Biex tiġi appoġjata l-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-iżvilupp ta' raggruppamenti
- Biex isir investiment fin-nies u fil-kisba ta' ħiliet

(4) *Tisħiħ tar-reġjun tad-Danubju*

- Biex jiżdiedu l-kapaċità u l-kooperazzjoni istituzzjonali
- Biex issir ħidma f'daqqa għall-promozzjoni ta' sigurtà u tiġi trattata l-kriminalità organizzata u serja

3.1. Il-konnessjonijiet tar-reġjun tad-Danubju

Konnessjonijiet tajba huma importanti ħafna għar-Reġjun tad-Danubju, sew jekk internalment kif ukoll jekk għal reġjuni oħrajn Ewropej u globali. L-ebda parti ma għandha tibqa' periferali. L-infrastrutturi tat-trasport u l-enerġija għandhom ħafna nuqqasijiet u defiċjenzi, minħabba kapaċità u kwalità insuffiċjenti jew manutenzjoni fqira. Konnessjonijiet aħjar fost in-nies huma wkoll meħtieġa, speċjalment permezz tal-kultura u t-turiżmu.

Titjib effettiv jeħtieġ ippjanar, fondi u implementazzjoni kkoordinati. In-nuqqasijiet tas-suq, minħabba esternalitajiet, huma evidenti b'mod impressjonanti fin-nuqqas ta' investimenti minn naħa għal oħra tal-fruntiera. Huwa neċessarju li proġetti kbar jiġu identifikati u

implimentati b'mod sostenibbli u effiċjenti, bi spejjeż u benefiċċji maqsuma. Aktar ma jkun hemm utenti, aktar isiru effiċjenti l-investimenti, b'ekonomiji ta' skala sinifikanti.

Kwistjonijiet Prinċipali

Trasport

Il-baċir tax-xmara għandu ħafna potenzjal għal navigazzjoni interna sostenibbli, u x-xmara hija ċentrali. Dan jeħtieġ titjib fil-maniġġjar, fit-tagħmir u d-disponibilità ta' impjegati kwalifikati. Il-kapaċità fiżika tad-Danubju u t-tributarji tagħha għandha tittejjeb, u xkiel eżistenti għandu jitneħħa, biex jiġi żgurat il-livell propju tan-navigazzjoni, u jiġi implimentat il-programm NAIADES u tiġi rispettata l-leġiżlazzjoni ambjentali, u ibbażat fuq id-"Dikjarazzjoni Konġunta dwar in-Navigazzjoni Interna u s-Sostenibilità Ambjentali fil-Baċir tax-Xmara Danubju". It-teknoloġiji innovattivi għandhom jiġu appoġġati, konformi mal-bżonnijiet tas-suq. Taħriġ u opportunitajiet ta' karriera aħjar għandhom jегħlbu n-nuqqas ta' ħaddiema żgħażaġh (baħħara, kaptani, eċċ.).

L-infrastruttura tat-toroq, tal-ferroviji u tal-ajru spiss mhijiex effiċjenti jew hija sempliċiment nieqsa, speċjalment il-konnessjonijiet ta' bejn il-fruntieri. L-implementazzjoni tal-proġetti ta' prijorità TEN-T u l-Kuritur tal-Ferroviji tal-Merkanzija skont ir-Regolament (KE) Nru 913/2010 għandhom ikunu fil-ħin. It-Trattat tat-Trasport Komunitarju futur jipprovdi għal integrazzjoni aħjar tar-Reġjun tal-Balkani tal-Punent. Il-multimodalità u l-interoperabilità, li jisfruttaw il-potenzjal tax-xmara bħala element ewlieni fil-loġistiċi moderni, huma kruċjali. Konnessjonijiet Tramuntana-Nofsinhar huma wkoll meħtieġa. Il-Blokk ta' Spazju tal-Ajru Funzjonali tad-Danubju (FAB) huwa essenzjali għall-immaniġġjar ta' titjiriet kif ukoll għat-titjib tal-kapaċitajiet tal-ajruporti reġjonali.

L-enerġija

Il-kriżijiet perjodiċi jenfasizzaw il-vulnerabbiltà. Il-kwalità tal-infrastruttura, is-sigurtà tal-provvista, l-organizzazzjoni tas-suq, id-domanda mhux sostenibbli, l-effiċjenza tal-enerġija, u l-użu tal-enerġiji renovabbli huma spiss problematiċi. Il-modernizzazzjoni u l-estensjoni tan-netwerks tal-enerġija, speċjalment f'termini ta' interkonnessjonijiet, permezz tal-implementazzjoni tal-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru u tar-rinfurzar tan-netwerk TEN-E huwa essenzjali. Hemm bżonn li jkun hemm skambju ta' esperjenza speċjalment għal sistemi ta' distribuzzjoni intelliġenti, bliet intelliġenti u eko-innovazzjoni.

Il-Kultura u t-Turiżmu

Bi storja u tradizzjoni komuni, kultura u arti li jirriflettu l-komunitajiet diversi tar-Reġjun, kif ukoll il-wirt naturali eċċellenti, ir-Reġjun għandu assi attraenti. Id-Delta tad-Danubju hija sit ta' wirt dinji li joffri għażliet sportivi u rekreazzjonali oħrajn. Approċċ komuni u sostenibbli biex jiġu mtejbja u reklamati dawn l-opportunitajiet għandhom jagħmlu lir-Reġjun tad-Danubju "ditta" Ewropea u dinjija.

Eżempji ta' miri jistgħu jkunu:

- Żieda fit-trasport tal-merkanzija fuq ix-xmara b'20 % sal-2020 ikkumparat mal-2010;

- Tneħħija ta' xkiel ta' navigazzjoni fuq ix-xmara sabiex ikunu akkomodati l-bastimenti tat-tip VIb tul is-sena kollha sal-2015²;
- Titjib fil-ħinijiet tal-ivjaġġar għal konnessjonijiet kompetittivi tal-passiġġieri tal-ferrovija bejn bliet maġġuri.
- L-implementazzjoni tal-erbgħa Kurituri ta' Ferroviji ta' Merkanzija li jaqsmu ir-Reġjun tad-Danubju kif inhu ipplanat fi żmien tlieta jew ħames snin;
- L-iżvilupp ta' terminali multimodali effiċjenti fil-portijiet tax-xmara Danubju biex jingħaqdu l-passaġġi tal-ilma interni mat-trasport tal-ferrovija u tal-art sal-2020;
- Il-kisba ta' miri nazzjonali ibbażati fuq il-miri tal-klima u l-enerġija tal-Ewropa 2020.

3.2. Il-protezzjoni tal-ambjent fir-Reġjun tad-Danubju

Ir-riżorsi ambjentali jinqasnu minn naħa għal oħra tal-fruntiera u jibqgħu sejrin lil hemm mill-interessi nazzjonali. Dan huwa veru b'mod partikolari fir-Reġjun tad-Danubju, li jinkludi żoni muntanjużi bħalma huma il-Karpazji, il-Balkani u parti mill-Alpi. Għandu wkoll flora u fawna rikka, akwatika u terrestri, inklużi l-ftit postijiet fl-Ewropa li huma dar għall-pelikani, l-ilpup, l-orsijiet u l-linċi. Dawn qegħdin taħt pressjoni li dejjem tikber mill-attività umana. Il-kooperazzjoni hija kruċjali, inkella ħidma tajba f'post wieħed tista' tixxejjen malajr minn xi nuqqas x'imkien ieħor. Strutturi ta' kooperazzjoni eżistenti għandhom ikunu rinforzati.

Kwistjonijiet Prinċipali

Ilma

Ir-Reġjun huwa l-baċir ta' xmara l-aktar internazzjonali fid-dinja, b'ħafna tributarji kruċjali, lagi u korpi tal-ilma ta' taħt l-art. Li tkun żgurata kwalità tajba tal-ilma, kif mitlub mid-Direttiva tal-Qafas tal-Ilma, huwa ċentrali. L-amministrazzjoni sostenibbli tal-ilma hija meħtieġa, biex tnaqqas it-tniġġiż kemm mis-sustanzi organiċi, mis-sustanzi nutrijenti kif ukoll minn dawk perikolużi. Il-Pjan ta' Amministrazzjoni tal-Baċir tax-Xmara adottat mill-Istati tad-Danubju fl-2009 jistabbilixxi miri u miżuri konkreti li fuqhom wieħed jista' jibni.

Riskji

L-Abitanti tar-Reġjun għandhom ikunu protetti minn avvenimenti diżastrużi, bħalma huma għargħar u inċidenti industrijali li għandhom impatti negattivi transazzjonali sinjifikanti – l-aktar reċenti mġarrba fl-2010 – minn miżuri ta' amministrazzjoni ta' prevenzjoni u diżastri implimentati flimkien, per eżempju kif inhu mitlub mid-Direttivi tal-Għargħar, tas-Seveso, l-Iskart tal-Minjieri jew ir-Responsabbiltà Ambjentali. Ix-xogħol li jsir f'iżolazzjoni jċaqlaq biss il-problema u jitfa' r-reġjuni ġirien fid-diffikultà. Żieda frekwenti ta' fondi hija wkoll kwistjoni, kif inhi wkoll l-addattazzjoni għall-bidla fil-klima. Il-kooperazzjoni reġjonali

² Il-klassifika internazzjonali tal-Passaġġi tal-Ilma Interni Ewropej (UNECE/TRANS/120/Rev.4, p. 28/29) fil-Ftehim Ewropew dwar il-Passaġġi tal-Ilma Interni Ewlenin ta' Importanza Nazzjonali (AGN) tiklassifika l-parametri għal bastimenti tal-mutur u konvojs imbuttati. Fit-test preżenti, il-kategorija VIb tirreferi biss għall-konvojs imbuttati u l-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni b'fond li jaasal sa' 2.5m.

għandha tiffaċilita l-Infrastruttura Ekoloġija, l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet fit-tul ibbażati fuq l-ekosistema, u t-tagħlim minn avvenimenti preċedenti.

Biodiversità, Ħamrija

It-telf ta' abitati naturali titfa' l-persjoni fuq il-fawna u l-flora, u taffettwa l-kwalità ġenerali tas-saħħa ambjentali. Il-frammentazzjoni tal-ekosistemi, l-intensifikazzjoni tal-użu tal-art u t-tifrix tal-bliet huma persjonijiet maġġuri. Il-mira għall-biodiversità tal-2020 tal-UE³ għandha tintlaħaq, billi titwaqqaf it-telfa ta' biodiversità u tal-ekosistemi, u billi jiġu rrestawrati s-servizzi tal-ekosistema u abitati li jgħaqdu. L-għanijiet ta' żoni ta' protezzjoni għan-natura, bħalma hi Natura 2000, jistgħu jinkisbu biss b'konsiderazzjoni għar-rekwiżiti ekoloġiċi tar-reġjun kollu. Fir-rigward ta' ħamrija, erożjoni ta' raba' li jinħarat tikkawża tniġġiż fl-ilma, flimkien ma' siti ikkontaminati u r-rimi tal-iskart, kollha indirizzati minn azzjonijiet konkreti fl-Istrateġija.

Eżempji ta' miri jistgħu jkunu:

- Il-kisba tal-miri ambjentali stabbiliti fil-Pjan tal-Amministrazzjoni tal-Baċir tax-Xmara Danubju;
- It-tnaqqis tal-livelli ta' nutrijenti fix-Xmara Danubju biex jitħalla l-irkupru tal-ekosistemi tal-Baħar l-Iswed għall-kondizzjonijiet simili għal dawk tal-1960;
- It-tlestija u l-adozzjoni tal-Pjan ta' Amministrazzjoni tad-Delta sal-2013;
- Li jiġu implimentati l-pjanijiet tal-immaniġġjar ta' riskju għall-għargħar kbir tad-Danubju – dovut fl-2015 taħt id-Direttiva tal-Għargħar – biex jiġi inkluż tnaqqis sinjifikanti ta' riskju ta' għargħar sal-2021, u jittieħdu wkoll f'konsiderazzjoni l-impatti tal-bidla tal-klima;
- Jitfasslu pjanijiet ta' amministrazzjoni effettivi għas-siti kollha ta' Natura 2000;
- Iż-żamma tal-popolazzjonijiet vijabbli tal-ispeċji tal-isturjun tad-Danubju u tal-ispeċji indiġeni ta' ħut oħrajn sal-2020, li jiġġieldu lill-ispeċji invasivi;
- Titnaqqas b'25 % iż-żona affettwata mill-erożjoni tal-ħamrija li taqbeż l-10 tunnelli għal kull ettaru sal-2020.

3.3. Il-bini tal-prosperità fir-Reġjun tad-Danubju

Ir-Reġjun jinkludi l-estrematijiet tal-UE fit-termini ekonomiċi u soċjali. Mill-aktar reġjuni kompetittivi tagħha sa dawk l-aktar foqra, minn dawk l-aktar li għandhom ħilet sa dawk bl-anqas edukazzjoni, u mill-istandard ta' għixien l-aktar għoli sa dak l-aktar baxx, id-differenzi huma impressjonanti. L-Istrateġija tirrinforza l-Ewropa 2020, u toffri l-opportunità biex jitqabbel il-kapital-sinjur max-xogħol-sinjur, u s-swieq li huma avvanzati teknoloġikament ma' dawk li għandhom bżonn aktar teknoloġija, b'mod partikolari billi tespandi s-soċjetà tal-informazzjoni u b'approċċ determinat għall-inklużjoni. Komunitajiet marġinalizzati

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ambjentali (15 ta' Marzu 2010): "Biex titwaqqaf it-telfa tal-biodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemà fl-UE sal-2020, għandhom jiġu rrestawrati sakemm ikun possibbli, filwaqt li tizzied il-kontribuzzjoni tal-UE biex tiġi evitata telfa ta' biodiversità globali".

(speċjalment Roma, li l-maġġoranza tagħhom jgħixu fir-Reġjun) għandhom jibbenefikaw b'mod partikolari.

Kwistjonijiet Prinċipali

Edukazzjoni u ħiliet

L-investiment fin-nies huwa meħtieġ sabiex ir-Reġjun ikun jista' jagħmel progress u jikber, bi prijorità għall-għarfien u l-inklużjoni. Il-bini fuq il-partijiet ta' suċċess tar-Reġjun se jiftaħ l-aċċess għal aktar edukazzjoni, u jimmodernizza t-taħriġ u l-appoġġ soċjali.

Riċerka u innovazzjoni:

Appoġġ fil-mira għall-infrastruttura tar-riċerka se jstimula l-eċċellenza u jipprofondixxi n-netwerking bejn il-fornituri ta' informazzjoni, il-kumpaniji u dawk li joħolqu l-politika. Ir-reġjun irid juża' l-fondi nazzjonali u reġjonali b'mod aħjar, u jibbenefika b'mod totali miż-Żona tar-Riċerka Ewropea. Ftehim bilaterali eżistenti għandu jwassal għal koordinazzjoni multilaterali. L-iżvilupp tar-reġjuni ta' isfel jista' jibbenefika minn dawk ir-reġjuni innovattivi ta' fuq li qed imexxu - li huma sewwa sew ta' skala dinjija.

Intrapriżi

Reġjuni fl-Ewropa li qed jagħtu eżekuzzjoni mill-aqwa jinsabu fiż-żona. Oħrajn jaqgħu ħafna lura. Għandhom bżonn jibbenefikaw, permezz ta' konnessjonijiet aħjar bejn l-innovazzjoni u istituzzjonijiet li jappoġġjaw il-kummerċ. Gruppi u rabtiet bejn iċ-ċentri ta' eċċellenza, li jorbtuhom mal-edukazzjoni eżistenti u man-netwerks ta' riċerka, se jkabbru l-kompetittività tal-intrapriżi 'l fuq mar-reġjun kollu.

Suq tal-impjeg

Livelli oġhla ta' impjeg huma kruċjali. In-nies għandhom bżonn ta' opportunitajiet viċin ta' fejn joqgħodu. Għandhom bżonn ukoll tal-mobilità. Ir-Reġjun għandu bżonn joffri futur għal dawk l-aktar intelliġenti u l-aktar intraprendenti, permezz ta' kooperazzjoni li tirrigwarda l-politiki aktar b'saħħitha, ta' miżuri u ta' skambju ta' informazzjoni.

Komunitajiet marġinalizzati

Terz tal-popolazzjoni tal-UE li qiegħda fir-riskju ta' faqar, ħafna minn gruppi marġinalizzati, jgħixu fiż-żona. Il-komunitajiet ta' Roma, li 80 % minnhom jgħixu fir-Reġjun, isofru speċjalment minn esklużjoni soċjali u ekonomika, seggregazzjoni ta' spazju u kondizzjonijiet ta' għixien bi standards baxxi. Sforzi biex dawn jingħelbu għandhom effetti mal-UE kollha, imma l-kawżi jridu jiġu indirizzati l-ewwelnett fir-Reġjun.

Eżempji ta' miri jistgħu jkunu::

- Li jsir investiment ta 3 % tal-PGD fir-Riċerka u l-Iżvilupp sal-2020;
- Aċċess ta' broadband għaċ-ċittadini kollha tal-UE fir-Reġjun sal-2013;
- Żieda fin-numru ta' privattivi miksuba fir-Reġjun b'50 %;

- Żieda fis-sehem tal-popolazzjoni tal-UE ta' età minn 30-34 b'edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti għal 40 % sal-2020.

3.4. Tisħiħ tar-Reġjun tad-Danubju

It-tibdil drammatiku mill-1989 ittrasforma lis-soċjetà. Attenzjoni partikolari hija meħtieġa, peress li r-Reġjun tad-Danubju jinkludi Stati Membri, li nġhaqdu f'mumentu differenti, kif ukoll pajjiżi li qed japplikaw għas-sħubija mal-UE, u pajjiżi terzi. Il-maġġoranza jaffaċċjaw problemi simili, iżda b'riżorsi differenti disponibbli. Ir-rispons effettiv għall-isfidi komuni tas-sigurtà u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata jirrikjedi koordinazzjoni fil-livelli kollha. L-iskambju ta' Prattika amministrattiva tajba huwa importanti biex jagħmel lir-Reġjun anqas perikoluż u aktar sikur, u biex tiġi rinforzata l-integrazzjoni tiegħu fl-UE.

Kwistjonijiet Prinċipali

Kapaċità istituzzjonali u kooperazzjoni

L-istrutturi u l-kapaċità tat-teħid ta' deċiżjonijiet tas-settur privat u dak pubbliku jridu jittejjbu, inklużi l-ippjanar tajjeb u l-kooperazzjoni internazzjonali, u jkunu appoġġjati mill-approċċ makro-reġjonali. L-użu ottimali ta' riżorsi huwa essenzjali.

Sigurtà

Il-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u serja huma ta' inkwriet dejjem jikber. Kwistjonijiet bħalma huma l-kutrabandu ta' merkanzija, it-traffikar ta' persuni umani, u swieq illegali minn naħa għal oħra tal-fruntiera jirrikjedu tisħiħ tar-regola tal-liġi, kemm fi ħdan kif ukoll tul il-ġurisdizzjonijiet. L-intelliġenza għandha tkun maqsuma aħjar, u l-effetti konġunti effettivi għandhom jiġu mmuntati.

Eżempji ta' miri jistgħu jkunu:

- Li jiġu stabbiliti livelli għal gvern elettroniku u titnaqqas il-burokrazija eċċessiva sal-2012;
- Massimu ta' 4 ġimgħat għall-permessi ta' twaqqif ta' kummerċi sal-2015;
- Isir skambju ta' informazzjoni effiċjenti bejn atturi tal-infurzar tal-liġi rilevanti sal-2015 bl-għan ta' titjib tas-sigurtà u li tiġi ittrattata l-kriminalità serja u organizzata fl-14-il pajjiż.
- Kooperazzjoni effettiva bejn l-atturi tal-infurzar tal-liġi rilevanti sal-2015.

4. IMPLIMENTAZZJONI U GOVERNANZA

Biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, għandna bżonn ta' bażi tajba biex naħdmu flimkien.

• Qafas sostenibbli għall-kooperazzjoni

L-Istrateġija tfittex li tagħmel l-aqwa użu minn dak li hu disponibbli, billi jiġu allinjati l-isforzi, speċifikament il-politiki u l-fondi. L-azzjonijiet huma komplementarji. Il-partijiet involuti kollha jridu jieħdu r-responsabbiltà. F'dan ir-rigward, id-Dikjarazzjoni tas-Samit ta'

Bukarest dwar id-Danubju⁴ hija impenn importanti. Il-Kummissjoni tista' tgħin billi tiffaċilita u tappoġġja l-azzjonijiet, iżda l-impenn u l-involvement prattiku tal-awtoritajiet kollha, flivell nazzjonali, reġjonali u livelli oħrajn huwa meħtieġ. Ħidma flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u transkonfinali tul ir-Reġjun se tinkoraġġixxi sinerġiji u tevita d-duplikazzjoni. Dimensjoni territorjali rinforzata se tipprovdi approċċ integrat, u tinkoraġġixxi koordinazzjoni aħjar ta' politiki settorjali. Irid ikun hemm fokus assolut fuq ir-riżultati.

- **Koordinazzjoni**

Bosta miżuri huma meħtieġa.

Il-koordinazzjon fil-livell tal-politika tkun ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni meġġuna minn Grupp ta' Livell Għoli tal-Istati Membri kollha. Jistgħu jkunu mistednin Stati mhux Membri jekk ikun jaqbel.

Il-Kummissjoni tkun tista' tikkonsulta l-Grupp dwar kwistjonijiet ta' modifiki għall-Istrateġija u l-Pjan ta' Ħidma, u dwar is-sorveljanza. Il-Grupp jindirizza l-orjentazzjoni tal-politika u l-prijoritizzazzjoni.

Il-koordinazzjoni ta' kull Qasam ta' Prijorità hija xogħol l-Istati Membri (flimkien ma' Stati mhux Membri jew reġjuni, minbarra dawk is-suġġetti li l-UE tindirizzahom fil-livell tal-Istati, bħal ma' huma s-sigurtà, u l-kriminalità serja u organizzata), f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-aġenziji u korpi reġjonali relevanti tal-UE. "Koordinaturi għall-Oqsma ta' Prijorità", li jistgħu juru l-impenn mad-Danubju kollu, l-aċċettazzjoni u l-esperjenza, l-assigurazzjoni ta' implementazzjoni (eż. billi jkun hemm ftehim fuq l-ippjanar, bil-miri, indikaturi u tabelli taż-żmien, u billi jkun assigurazzjoni ta' kuntatti wiesgħa bejn promoturi ta' proġetti, programmi u sorsi ta' fondi, u jkun jipprovdu assistenza teknika u pariri. Dan ix-xogħol se jkun transnazzjonali, intersettorali u interistituzzjonali.

Il-Kummissjoni se tkun meġġuna fir-rwol tagħha ta' faċilizzazzjoni mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali. Dawn jiżguraw il-koordinazzjoni f'kull pajjiż, jidentifikaw il-kuntatti relevanti u, fuq kollox, imexxu l-quddiem l-aspetti prattiċi tax-xogħol.

- **Implimentazzjoni**

L-implimentazzjoni tal-azzjonijiet hija r-responsabbiltà ta' kulħadd, fil-livelli ta' pajjiż, reġjun, dak urban u dak lokali. L-azzjonijiet (li jiddikjaraw il-mira li trid tintlaħaq) iridu jsiru proġetti konkreti (li jkunu ddetaljati u li jirrikjedu tmexxija tal-proġett, qafas ta' żmien u finanzjament). Filwaqt li tkun rispettata l-awtonomija għat-teħid ta' deċizzjonijiet dwar il-programm, dawn għandhom jiġu meġġuna b'mod attiv biex iressqu l-proposti.

- **Finanzjament**

L-istrateġija hija implimentata bil-mobilizzazzjoni u l-allinjament ta' fondi eżistenti għall-miri tagħha fejn ikun jixraq u konformi mal-oqfsa ġenerali. Tabilħaqq, hemm diġà ħafna mill-fondi disponibbli permezz ta' bosta programmi tal-UE (pereżempju EUR 100 biljun mill-

⁴ Bukarest, 8 ta' Novembru 2010

Fondi Strutturali 2007-2013, kif ukoll fondi sinifikanti tal-IPA u tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija). Il-proċeduri ta' selezzjoni tal-proġett jistgħu jiġu riveduti biex isostnu l-miri li jkun hemm qbil dwarhom. Hemm ukoll sorsi oħra, bħal ma hu l-Qafas ta' Investiment fil-Balkani tal-Punent, li jikkombina l-istrument għall-għotjiet u s-self għall-pajjiżi kandidati u dawk li huma kandidati potenzjali, kif ukoll l-istituzzjonijiet internazzjonali ta' finanzjament (pereżempju l-BEI: EUR 30 biljun 2007-2009, bl-appoġġ tiegħu għan-navigabbiltà u t-tindif mit-tniġġiż). Għandha tingħata attenzjoni biex jiġu kkombinati l-għotjiet u s-self. Jeżistu riżorsi nazzjonali, reġjonali u lokali. Tabilħaqq, huwa kruċjali li wieħed ikollu aċċess għall-fondi u jkun jista' jikkumbinhom, speċjalment jekk dawn ikunu ġejjin minn sorsi pubbliċi u privati minn livell taħt dak tal-UE.

• **Rapportar u evalwazzjoni**

Ir-rapportar u l-evalwazzjoni jsiru mill-Kummissjoni fi sħubija mal-Koordinaturi tal-Oqsma ta' Prijorità u ma' partijiet interessati oħra. Il-koordinaturi għandhom iqisu t-titjib li jkun riżultat tal-azzjonijiet u l-proġetti, u jipprovdu l-informazzjoni dwar ħidmiethom b'mod regolari. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni tabbozza r-rapporti li juru l-progress tal-Pjan ta' Ħidma.

Il-Kummissjoni torganizza wkoll Forum regolari biex tiddiskuti x-xogħol, tikkonsulta fuq azzjonijiet riveduti, u tiżviluppa approċċi ġodda. Jipparteċipaw il-pajjiżi, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet interessati (speċjalment il-korpi intergovernattivi, is-settur privat u s-soċjetà ċivili).

• **Ebda fondi ġodda tal-UE, ebda leġislazzjoni ġdida tal-UE, ebda Strutturi ġodda tal-UE**

Il-Kummissjoni tħejji l-Istrateġija bil-ftehim li dan ma jimplika ebda trattament speċjali fil-baġit, jew f'termini legali, għar-Reġjun. B'mod speċifiku:

- (1) L-istrateġija ma tipprovdi fondi ġodda tal-UE. Jista' jkun hemm fondi minn sorsi internazzjonali, nazzjonali, reġjonali jew privati, iżda huwa enfasizzat it-titjib tal-użu ta' fondi eżistenti.
- (2) L-Istrateġija ma tirrikjedi ebda tibdil fil-leġislazzjoni tal-UE minħabba li l-UE tilleġiżla għas-27 pajjiż tal-UE u mhux għal makroreġjun waħdu. Jekk isir ftehim, jista' jkun hemm xi tibdil f'livelli nazzjonali jew livelli oħrajn, biex jiġu indirizzati miri speċifiċi.
- (3) L-Istrateġija ma toħloq ebda struttura addizzjonali. L-implimentazzjoni hija permezz ta' korpi li diġà jeżistu, li l-komplementarjetà tagħhom għandha tiġi mmassimizzata. Mhuwix maħsub impatt ġenerali fuq ir-riżorsi tal-Kummissjoni.

5. RABTIET MA' POLITIKI TAL-UE

Biex ttrrinforza l-integrazzjoni tar-Reġjun kollu, l-Istrateġija tfittex li ssaħħaħ il-politiki u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE fiż-żona. Tipprovdi l-appoġġ politiku għall-inizjattivi li qed isiru u tagħmilhom iżjed viżibbli. B'mod partikolari, xi azzjonijiet li jkun sar qbil fuqhom fil-qafas ta' korpi eżistenti jiffurmaw parti mill-Pjan ta' Ħidma. Barra minn hekk,

- Ewropa 2020 hija l-impenn ewlieni tal-UE favur ix-xogħol u favur tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv li se tikkonsolida l-Istrateġija. Għandha ħames miri ewlenin. Dawn huma: il-promozzjoni tal-impjiegi; it-titjib tal-kundizzjonijiet għall-innovazzjoni, għar-riċerka u għall-iżvilupp; il-kisba tal-miri dwar it-tibdil tal-klima u dwar l-enerġija; it-titjib ta' livelli ta' edukazzjoni; u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-faqar, u billi jiġu indirizzati l-isfidi tal-età. L-Istrateġija, bil-viżjoni tagħha għar-Reġjun tad-Danubju fl-2020, tirrinforza dan. Issostni t-tkabbir sostenibbli, tnaqqas il-konsum tal-enerġija, iżżid l-użu tal-enerġija rinovabbli, timmodernizza s-settur tat-trasport biex dan isir iktar favorevoli għall-ambjent u iktar effiċjenti, u tippromwovi t-turiżmu ambjentali. Tgħin biex tneħħi l-konġestjoni fis-swieq interni u ttejjeb l-ambjent tal-kummerċ.
- Il-Konsistenza mal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE huma l-qofol tal-Istrateġija. Din tindirizza l-lakuni fl-implimentazzjoni u d-diffikultajiet prattiċi u tal-organizzazzjoni li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' riżultati. Issostni implimentazzjoni mtejbja tal-obbligi legali tal-UE, speċjalment dawk b'rabta mas-Suq Waħdieni u mal-ambjent. Tagħti kontribut ukoll għall-politiki f'oqsma bħal dawk tat-trasport (TEN-T li bħalissa qed tiġi riveduta, kif ukoll il-politika tal-gejġjieni tal-pajjiżi dwar it-trasport), in-netwerks tal-enerġija (TEN-E), u l-Aġenda Diġitali. L-għan u l-istrateġija tal-UE dwar il-bijodiversità għal wara l-2010, bil-viżjoni tagħha għall-2050 u mira għall-2020 hija rinforzata wkoll. Dan ir-Reġjun huwa kruċjali għall-appoġġ ta' politiki barranin oħra tal-UE, konformement mal-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-inizjattivi reġjonali tagħha (pereżempju is-Sħubija tal-Lvant) billi huwa l-passaġġ li minnu wieħed irid jgħaddi biex jasal fil-pajjiżi ġirien u lil hinn minnhom lejn l-Asja.

6. KONKLUŻJONI

L-Istrateġija tipprovdi qafas sostenibbli għall-integrazzjoni tal-politiki u l-iżvilupp koerenti tar-Reġjun tad-Danubju. Tistabbilixxi l-ħidmiet ta' prijorità biex iġġib lir-reġjun 'il quddiem bħala reġjun tal-UE denju tas-Seklu 21. Trid tkun akkumpanjata b'biżżejjed informazzjoni u pubbliċità biex ikun żgurat li l-miri tagħha jkunu magħrufin minn udjenza kemm jista' jkun wiegħsa.

Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-istituzzjonijiet oħra tal-UE jeżaminaw u japprovaw din il-Komunikazzjoni u l-Pjan ta' Ħidma relatat.